# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar l-10 ta' Novembru 2021

**Rikors Numru : 308/2021 JPG**

**Kawza Numru : 18**

**KB**

**-vs-**

**CB**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' KB, datat 19 ta' Lulju 2021, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet iżżewġu fl-erbgħa u għoxrin (24) ta' Lulju tas-sena elfejn u għaxra (2010) fil-Hotel Excelsior fil-Furjana – ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat 'Dok.A';*

*Illi minn dan iż-żwieġ twieldu wkoll żewġt itfal minuri bl-isem ta' AB* u *ZB, liema minuri jgħixu u jirrisjedu mal-esponenti omm;*

*Illi ai termini tal-Artikolu 66B(b) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, l-esponenti tiddikjara illi l-partijiet isseparaw minn ma' xulxin permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni in atti tan-Nutar Dr. Margaret Heywood datat l-erbatax (14) ta' Novembru tas-sena elfejn u tmintax (2018)¸ hawn anness u mmarkat bħala 'Dok.B';*

*Illi inoltre ai termini tal-Artikolu 66B(ċ) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta l-esponenti tiddikjara wkoll illi ma jeżisti l-ebda prospett raġjonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet;*

*Illi finalment ai termini tal-Artikolu 66L(4)(b) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta l-esponenti tixtieq li tipprevalixxi ruħha mill-fakolta li tagħtiha l-Liġi li terġa' lura għal kunjom xbubitha u ċioe 'L';*

*Illi ma jeżistu l-ebda kwistjonijiet oħrajn pendenti bejn il-partijiet, kemm jekk monetarji, finanzjarji jew xorta oħra;*

*Illi għalhekk jikkonkorru l-elementi kollha rikjesti mil-Liġi għall-ħall definittiv tażżwieġ u għad-divorzju bejn il-partijiet;*

*Ill l-esponenti tiddikjara li hija domiċiljata f'Malta għall-effetti u l-finijiet tal-Artikolu 66N(1)(a) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Għaldaqstant, l-esponenti titlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tiddikjara ż-żwieġ tagħha mal-intimat CB maħlul b'mod definittiv u li l-partijiet huma divorzjati għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Liġi u sabiex din l-istess Onorabbli Qorti konsegwentement tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex fi żmien imħolli għal daqshekk, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex b' hekk dan ikun jista' jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku skond il-Liġi, u dan taħt dawk il-provvedimenti kollha li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li huma xierqa u opportuni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' CB datata 20 ta' Settembru 2021, a fol 62 li taqra hekk:

1. *Illi l-esponenti jaqbel mal-premessi kontenuti fir-rikors promotur u ma jopponix ghat-talba rikorrenti;*

2. *Illi l-esponenti m'ghandux ibghati l-ispejjez tal-proceduri odjerni.*

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**KB** xehdet (vide affidavit fol 61) illi l-kontendenti izzewwgu nhar l-24 ta' Lulju 2010, u li minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, li ghadhom minorenni. Sostniet illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u sseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Margaret Heywood nhar l-14 ta' Novembru 2018. Ikkonfermat illi l-kontendenti ghandhom hajja ndipendenti minn xulxin u li ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni. Di piu' ddikjarat illi ma hemm ebda manteniment dovut bejniethom. Finalment uriet ix-xewqa illi tirriverti ghal kunjom xbubitha, cioe 'L'.

**CB** xehed (vide affidavit fol 64) u kkonferma u kkollabora dak li xehdet l-attrici.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***

***(… omissis)***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***

***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal***

***perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar l-24 ta' Lulju 2010, liema zwieg jgib certifikat numru 1365/2010 (Vide certifikat taz-zwieg Dok A, fol 3). Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, li ghadhom minorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Margaret Heywood, datat 14 ta' Novembru 2018 (vide Dok. B fol 4 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal aktar zmien minn dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Rat it-talba mill-attrici sabiex tirreverti ghal kunjom xbubitha, cioe 'L' u li dan gie konfermat ukoll fl-affidavit taghha.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1365/2010 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku. Di piu' tawtorizza lill-attrici sabiex tirreverti ghal kunjom xbubtiha u cioe, 'L' u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jiehu l-azzjoni mehtiega.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**

**Deputat Registratur**